

**Brussell, 24 ta' Novembru 2021  
(OR. en)**

**13452/21**

**CO EUR-PREP 30  
POLGEN 179  
ENV 809  
MI 795  
COMPET 758  
IND 313  
ECOFIN 1052  
SOC 629  
EDUC 359  
EMPL 471**

**NOTA**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

---

Suġġett: Semestru Ewropew 2022  
- Pjan Direzzjonali

---

Id-delegazzjonijiet isibu hawn taħt il-pjan direzzjonali msemmi hawn fuq, kif ippreżentat mill-Presidenza u l-Presidenza li jmiss.

Skont prattika stabbilita, il-Presidenza u l-Presidenza li jmiss ħejjew dan il-pjan direzzjonali li jiddeskrivi l-passi ewlenin tas-Semestru Ewropew tal-2022.

L-objettivi tal-pjan direzzjonali huma li jiġi żgurat li l-konfigurazzjonijiet rilevanti kollha tal-Kunsill u l-korpi preparatorji tagħhom jaħdmu b'mod koordinat u konsistenti lejn tħejjija fid-dettall tad-dibattiti tal-Kunsill Ewropew dwar is-Semestru Ewropew u biex il-Kunsill Affarjiet Ġenerali u l-Coreper ikunu jistgħu jissorveljaw il-proċess.

Il-pjan direzzjonali huwa maqsum f'żewġ fażijiet: l-ewwel, f'aktar dettall, ikopri l-perijodu sal-Kunsill Ewropew ta' Marzu, u t-tieni, aktar indikattiv, ikopri l-perijodu bejn il-laqgħat tal-Kunsill Ewropew f'Marzu u Ġunju 2022.

Il-Presidenza li jmiss qed tibda diskussjonijiet mal-Presidenzi tal-kumitati bil-ħsieb li tiġi kkoordinata l-ġestjoni tal-ħidma tagħhom matul is-semestru kollu. Il-Presidenza li jmiss ser iżżomm lill-Coreper infurmat.

Il-Presidenza u l-Presidenza li jmiss jirrikonoxxu d-dimensjoni parlamentari, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell Ewropew, tas-Semestru Ewropew u jieħdu nota tal-intenzjoni li jiġi organizzat dibattitu konġunt dwar is-Semestru Ewropew mal-Parlament Ewropew f'Marzu 2022.

**Thejjiġa għall-Kunsill Ewropew ta' Marzu**

**5 ta' Ottubru 2021: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji**

- Semestru Ewropew 2021: It-tagħlimiet meħuda u t-triq 'il quddiem fil-kuntest tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza - *Skambju ta' fehmiet*
- Implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza - *Sitwazzjoni attwali/Skambju ta' fehmiet*

**Nofs Ottubru 2021**

- Preżentazzjoni tal-abbozz ta' Pjanijiet Baġitarji mill-membri taż-żona tal-euro

**15 ta' Ottubru 2021: Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur**

- Sfidi Ewlenin fil-Qasam tal-Impjiegi: Messaġġi ewlenin mill-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) abbażi fuq ir-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi - *Approvazzjoni*
- Sfidi Soċjali Ewlenin: Messaġġi ewlenin mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) abbażi tar-Rieżami Annwali tal-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali - *Approvazzjoni*
- Deċiżjoni tal-Kunsill dwar Linji Gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri (Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: Artikolu 148(2) TFUE) - *Adozzjoni*
- Il-futur tas-Semestru Ewropew bi rwol b'saħħtu tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali - *Dibattitu ta' orjentazzjoni*

**9 ta' Novembru 2021: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji**

- Implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza - *Sitwazzjoni attwali/Skambju ta' fehmiet*
- Konklużjonijiet dwar il-futur tas-Semestru Ewropew fil-kuntest tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza: *Approvazzjoni*

## **24 ta' Novembru 2021: Pakkett tal-Ħarifa tas-Semestru Ewropew tal-2022**

- Adozzjoni mill-Kummissjoni tal-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli, flimkien mal-proposta għar-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, l-abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2022 u r-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija
- Adozzjoni mill-Kummissjoni tal-opinjoni dwar l-abbozz ta' Pjanijiet Baġitarji għall-Istati Membri taż-żona tal-euro

## **It-tieni nofs ta' Novembru 2021**

Immedjatament wara l-pubblikazzjoni tal-abbozz ta' Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, ser jiġu kkonfermati d-diviżjoni tax-xogħol u l-arranġamenti għall-koordinazzjoni bejn il-kumitati, kif ukoll il-metodi għall-konsolidazzjoni tal-fehmiet tal-kumitati

## **25-26 ta' Novembru 2021: Kunsill Kompetittività**

- Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Rkupru għall-Ewropa - *dibattitu ta' orjentazzjoni*

## **(poss.) L-aħħar ta' Novembru, nofs Diċembru 2021**

- Il-kumitati (Kumitat tal-Politika Ekonomika fil-format tal-Grupp tal-Euro, grupp ta' ħidma tal-Grupp tal-Euro, Grupp ta' Ħidma tal-Grupp tal-Euro - Sostituti) iħejju l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, inkluż il-kontribut konġunt li jkopri l-aspetti soċjali u tal-impjiegi mill-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali

## **6 ta' Diċembru 2021: Grupp tal-Euro**

- Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro: preżentazzjoni mill-Kummissjoni
- Valutazzjoni tal-abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u tas-sitwazzjoni u l-prospetti baġitarji taż-żona tal-euro

## **6-7 ta' Diċembru 2021: Kunsill Impjegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur**

- Semestru Ewropew 2022 - *Dibattitu ta' orjentazzjoni*
- Strateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli 2022 (ASGS), abbozz ta' Rapport Konġunt dwar l-Impjegi 2022 (JER) u abbozz ta' Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro - *Preżentazzjoni mill-Kummissjoni*

## **7 ta' Diċembru 2021: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji**

- Semestru Ewropew 2022: Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2022, Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2022 u Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro - *preżentazzjoni mill-Kummissjoni*
- Implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza - *Sitwazzjoni attwali/Skambju ta' fehmiet*

## **14 ta' Diċembru 2021: Kunsill Affarijiet Ġenerali**

- Pjan Direzzjonali għas-Semestru Ewropew 2022 - *preżentazzjoni mill-Presidenza u l-Presidenza li jmiss*

## **17 ta' Jannar 2022: Grupp tal-Euro**

- Abbozz ta' Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro

## **18 ta' Jannar 2022: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji**

- Konkluzjonijiet dwar l-Istharrig Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2022 - *approvazzjoni*
- Konklużjonijiet dwar ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2022 - *approvazzjoni*
- Abbozz ta' Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro 2022 - *approvazzjoni*
- (poss.) Implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza - *skambju ta' fehmiet*

## **Jannar 2022**

- Aspetti soċjali u dawk relatati mal-impjiegi tal-abbozz ta' Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro 2022: - *approvazzjoni*

## **22 ta' Frar 2022: Kunsill Affarijiet Ġenerali**

- Tħejjija tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu - abbozz ta' aġenda annotata

## **24 ta' Frar 2022: Kunsill Kompetittività (Suq Intern u Industrija)**

- dibattitu tematiku

## **(poss.) 25 ta' Frar 2022: Kunsill Kompetittività (Riċerka)**

- dibattitu tematiku

## **7-10 ta' Marzu 2022: Sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew**

- Dibattitu kongunt dwar is-Semestru Ewropew (għad irid jiġi kkonfermat)

## **14 ta' Marzu 2022: Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur (Politika Soċjali)**

- dibattitu tematiku
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi *approvazzjoni*
- Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2022 - *adozzjoni*

## **15-16 ta' Marzu 2022 (għad irid jiġi kkonfermat): Ġimgħa parlamentari fil-qafas tas-Semestru Ewropew**

- Dibattiti bejn il-membri tal-komitati rilevanti mill-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali

## **17 ta' Marzu 2022: Kunsill Ambjent**

- dibattitu tematiku

## **22 ta' Marzu 2022: Kunsill Affarijiet Ġenerali**

- Thejjiġa tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu:
  - Abbozz ta' konklużjonijiet
  - Rapport ta' sinteżi dwar il-kontributi tal-Kunsill dwar is-Semestru Ewropew 2022: skambju ta' fehmiet
  - Abbozz ta' Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro: trażmissjoni lill-Kunsill Ewropew
  - Pjan direzzjonali aġġornat dwar is-Semestru Ewropew 2022

## **24-25 ta' Marzu 2022: Kunsill Ewropew**

- Skambju ta' fehmiet dwar is-sitwazzjoni ekonomika u tal-impjegi
- Gwida lill-Istati Membri dwar il-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza u l-Programmi Nazzjonali ta' Riforma 2022 tagħhom
- Abbozz ta' Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro - *approvazzjoni*

## **IT-TIENI FAŽI**

### **Thejjiġa għall-Kunsill Ewropew ta' Ġunju**

#### **Qabel it-30 ta' April 2022**

- Wara l-gwida pprovduta mill-Kunsill Ewropew, l-Istati Membri jippreżentaw il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma 2022 u l-Programmi ta' Stabbiltà jew Konverġenza 2022 tagħhom

#### **5 ta' April 2022: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji**

- Abbozz ta' Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro - *adozzjoni*

#### **Mejju/Ġunju 2022: Pakkett tar-rebbiegħa**

- Il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-analiżi speċifika għall-pajjiżi (rapporti tal-pajjiżi), rakkomandazzjonijiet tal-2022 għal Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill li jagħtu Opinjonijiet dwar il-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza għall-2022 (rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi) u, fejn japplika, Analiżijiet fil-Fond skont il-Proċedura ta' Żbilanċi Makroekonomiċi
- Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-proposta tagħha għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Linji Gwida għall-Politiki tal-Istati Membri dwar l-Impjiegi
- Immedjatement wara l-pubblikazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, ser jiġu kkonfermati arranġamenti relatati mad-diviżjoni tax-xogħol u mal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn il-kumitati kif ukoll il-metodi għall-konsolidazzjoni tal-fehmiet tal-kumitati

#### **Bidu ta' Ġunju 2022**

- Ħidma preparatorja tal-KEF, il-KPE, l-EMCO u l-KPS dwar ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2022

## **16-17 ta' Ġunju 2022: Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur**

- dibattitu tematiku
- Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) - *approvazzjoni*
- Semestru Ewropew tal-2022 - rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi - *approvazzjoni*

## **17 ta' Ġunju 2022: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji**

- Semestru Ewropew 2022 - rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi - *approvazzjoni*
- (Poss.) Implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir – Rakkomandazzjoni skont il-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv - *adozzjoni*

## **21 ta' Ġunju 2022: Kunsill Affarijiet Ġenerali**

- Thejjiġa tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju: abbozz ta' konklużjonijiet
- Approvazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet integrati speċifiċi għall-pajjiżi u trażmissjoni lill-Kunsill Ewropew

## **23-24 ta' Ġunju 2022: Kunsill Ewropew**

- Konklużjonijiet
- Rakkomandazzjonijiet integrati speċifiċi għall-pajjiżi: *approvazzjoni*

## **Lulju 2022: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji**

- Rakkomandazzjonijiet integrati speċifiċi għall-pajjiżi: *adozzjoni*
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-analiżijiet fil-fond skont il-Proċedura ta' Żbilanċi Makroekonomiċi u implimentazzjoni tal-prijoritajiet tar-riforma tal-politika